MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Numru 19/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**-- omissis --**
**Anthony Felice**
**-- omissis --**

Il-Qorti:

Dan hu appell interpost minn Anthony Felice kontra s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tieghu fil-

5 ta’ Marzu, 2003. L-imsemmi Felice kien originarjament akkuzat flimkien ma’ John Vella u Emily Muscat. It-tlieta li huma kienu akkuzati, fl-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza in kwistjoni, li fit-30 ta’ Ottubru, 1994 volontarjament taw in-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, u dan il-bini, gharix jew lok iehor kien qieghed b’mod li ma jistax iqabbad hruq f’bini iehor, gharix jew lok iehor fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna (Artikolu 318 tal-Kap. 9), u dan riferibbilment ghall-appartament numru 15, Ta’ Xbiex Palace, Triq Testaferrata, Msida. Fit-tieni kap l-istess tliet persuni kienu akkuzati bl-istess reat u fl-istess gurnata, pero` din id-darba riferibbilment ghall-appartament numru 18 fl-istess blokk appartamenti. Vella u Felice kienu akkuzati wkoll li huma recidivi fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Fl-udjenza tat-3 ta’ Marzu, 2003 John Vella u Anthony Felice irregistraw ammissjoni ghal dawn iz-zewg akkuzi, f’liema ammissjoni huma ppersistew anke wara li giet segwita l-procedura stabbilita fl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali. F’dik l-istess udjenza Emily Muscat ikkontestat l-akkuzi, u ghalhekk fil-konfront taghha sar il-process skond ir-rit solenni, u fil-5 ta’ Marzu, 2003 il-gurati taw verdett unanimu li l-imsemmija Muscat ma kinitx hatja skond iz-zewg akkuzi migjuba kontra taghha fl-imsemmija zewg kapi tal-Att ta’ Akkuza.

Il-Qorti Kriminali, b’sentenza moghtija dak inhar stess – 5 ta’ Marzu, 2003 – wara li ddikjarat lil Emily Muscat mehlusa u ordnat li tigi liberata, ikkundannat lil John Vella ghall-piena ta’ erba’ snin prigunerija (li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu jew perijodi ta’ zmien li hu dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ din il-kawza), **filwaqt li kkundannat lil Anthony Felice ghall-piena ta’ tliet snin prigunerija (f’dan il-kaz ukoll bit-tnaqqis ta’ kull perijodu jew perijodi ta’ zmien li l-istess Felice dam taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kawza)**, u dana wara li dik il-Qorti qalet, *inter alia*, hekk:

**Qieset dwar il-piena is-segwenti argumenti favur il-hatja John Vella u Anthony Felice:-**

**1. Il-fatt li huma ammettew l-htija taghhom fil-bidu tal-guri u li skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, dan, f'certi cirkostanzi, jista' jwassal ghal xi mitigazzjoni fil-piena, ghalkemm dan mhux bil-fors jew dejjem jew b'xi dritt awtomatiku kif gie deciz f'diversi sentenzi tal-Qrati (ara Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi, Qorti Kriminali [24.2.1997], Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri, Qorti tal-Appell Kriminali [5.7.2002] u l-Pulizija vs Emanuel Testa, Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) [17.7.2002];**

**2. Il-fatt li l-proceduri damu biex bdew inspjegabbilment mill-Pulizija minkejja li l-fatti li taw lok ghall-akkuzi kienu jidhru ben maghrufa ghaliha u li anki meta l-kaz beda quddiem il-Qorti jidher li kien hemm xi dewmien inutili w li dan wassal biex il-kaz ilu jkarkar kwazi disgha snin. Qieset f'dar-rigward ukoll l-implikazzjonijiet li jistghu johorgu mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Settembru, 2001 fil-kaz ta' "Beck vs Norway" li ghaliha ghamlet referenza d-Difiza;**

**3. Qieset ukoll l-istat mentali li x'aktarx kienu qeghdin jagixxu tahtu z-zewg hatja Vella u Felice;**

**4. Il-fatt li l-hati Felice temm b'success programm biex jigi riabilitat mill-vizzju tad-drogi u li sallum jidher li ghadu qed izomm il-boghod minn dan il-vizzju;**

**5. Illi l-hati Felice kien stqarr mill-bidu nett l-involviment tieghu fl-incident meta xehed quddiem l-espert tal-Qorti il-Prof. Alfred Vella;**

**6. Qieset ukoll iz-zmien li l-hatja ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza;**

**7. Qieset finalment in-nota w id-dikjarazzjonijiet tal-Avukat Generali [fuq imsemmija] li biha f'kull kaz, anki jekk tinstab htija taht iz-zewg Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-piena massima minnu mitluba m'ghandix**

**teccedi erba' snin prigunerija fil-kaz ta' Emily Muscat u hames snin prigunerija fil-kaz ta' Vella u Felice.**

**Mill-banda l-ohra, kontra l-hatja:**

**1. Qieset il-gravita` tar-reati dedotti kontra l-hatja anki wara li l-Avukat Generali talab u ottjena riduzzjoni fl-akkuza w riduzzjoni sostanzjali fil-piena minnu mitluba inizjalment;**

**2. Il-perikolu ghal nies innocenti li kienu joqghodu fil-blokk ta' flats in kwistjoni meta sehhew iz-zewg incendji doluzi msemmija fiz-zewg Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, kieku n-nirien inxterdu w infirxu aktar milli fil-fatt gara;**

**3. Il-fatt li, anki jekk dan kollu sar b'att ta' bluha, dan ma jnaqqasx mill-konsegwenzi gravi potenzjali li setghu kellhom iz-zewg incendji doluzi;**

**4. Qieset il-fedina penali mill-aktar refrattarja tal-hati John Vella li minnha jidher li diga' gie sentenzjat diversi drabi ghal piena ta' prigunerija w li ilu ghaddej b'din il-hajja refrattarja minn 1976 sa inqas minn sena ilu;**

**5. Qieset ukoll li l-hati John Vella huwa recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Settembru 1989 u tas-7 ta' Jannar 1991 u b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Marzu 1991;**

**6. Qieset ukoll li kemm meta gie interrogat mill-Ispettur Bayliss kif ukoll meta xehed bil-gurament quddiem l-espert tal-Qorti l-Prof. Alfred Vella, il-hati John Vella, ghalkemm issa f'dan il-guri ammetta l-htija tieghu, kien cahad kull involviment fir-reati lilu addebitati;**

**7. Qieset ukoll il-fedina penali tal-hati Anthony Felice li minnha jidher li ilu jikser difrejh mal-ligi sa mis-sena 1987 u li l-ahhar li gie sentenzjat kien fit-28 ta' Jannar**

**2000 u li diversi drabi gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija jew detenzjoni;**

**8. Qieset li l-hati Felice wkoll huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Frar, 1991;**

Minn din is-sentenza, kif inghad, appella Anthony Felice permezz ta' rikors minnu ppresentat fis-17 ta' Marzu, 2003. L-appell hu limitat ghall-piena. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji ta' l-appellant, huwa opportun li jigi precizat is-segwenti:

I. Ir-reat – proprjament zewg reati – li tieghu ammetta l-htija l-appellant, cioe` r-reat ta' hruq bla perikolu ghall-hajja tan-nies (Art. 318 tal-Kodici Kriminali), hu soggett ghall-piena ta' prigunerija minn sentejn sa erba' snin. Biz-zieda ta' grad skond l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali – u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-15 ta' Frar, 1991 li permezz taghha l-appellant kien gie kkundannat multi ammontanti ghal Lm410 u erba' xhur prigunerija – **din il-piena titla' minn minimu ta' tliet snin sa massimu ta' hames snin** (Art. 31(1)(b)(vii)(vi) tal-Kap. 9). Mill-banda l-ohra, iz-zieda bi grad komminata fl-Artikolu 50 ma hix obbligatorja izda hija fakoltativa: "…<u>tista'</u> tehel piena akbar bi grad wiehed…" ("…<u>may</u> be sentenced to a punishment higher by one degree…", fit-test Ingliz), u dan a differenza, per ezempju, ta' l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 fejn iz-zieda bi grad hemm imsemmija hi obbligatorja. Ghandu jinghad ukoll li proprjament galadarba kien hemm zewg reati – wiehed f'kull kap – kien hemm lok tal-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, bil-konsegwenti zieda fil-minimu tal-piena; izda, kif gie anke osservat fis-sentenza appellata, fl-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2003 l-Avukat Generali kien irregistra verbal fis-sens illi *"…f'kull kaz jekk tinstab jew tigi ammessa htija taz-zewg kapi tal-Att ta' Akkuza m'ghandhomx japplikaw ir-regoli tal-konkors tal-pieni u l-piena massima ghall-htija taht iz-zewg kapi flimkien m'ghandhiex teccedi l-hames snin fil-kaz ta' l-ewwel zewg akkuzati Vella u Felice u erba' snin fil-kaz ta' l-akkuzata l-ohra Emily Muscat"*.

II. Il-fatti tal-kaz jirrigwardaw incident li fih tqabbad nar f'wahda mill-indani tat-tarag ta' blokk notorju ta' appartamenti fl-Imsida, fruntiera mal-Gzira, kif ukoll nar fl-intern tal-appartament numru 15 (fl-istess indana), liema nar, li kellu jintefa mill-membri tal-*Fire Brigade* tal-Pulizija, ghalkemm ikkaguna hsara limitata, seta potenzjalment ikkaguna ferm aktar hsara. F'dan il-kuntest tajjeb li wiehed josserva s-sekwenza taz-zewg nirien kif temergi mix-xiehda mismugha mill-perit (espert) nominat mill-Qorti, Dott. Alfred J. Vella: *"…l-ewwel nar inbeda fuq materjal ta' skart li kien hemm fl-indana qrib il-bieb ta' flat 18 u…dan in-nar inbeda bl-uzu ta' fjamma minn* lighter*; u…n-nar fl-intern tal-flat 15 gie mibdi separatament billi ntefghet micca taqbad mit-toqba tal-bieb ta' dan il-flat"* (ara l-atti tal-*proces-verbal*, fol. 32).

L-appellant jilmenta, bazikament, li l-piena inflitta fuqu kienet wahda gravuza fic-cirkostanzi tal-kaz. Huwa jissenjala in partikolari s-segwenti cirkostanzi li, fil-fehma tieghu, kellhom jattiraw piena aktar baxxa milli fil-fatt inghatat: il-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri tal-proceduri; il-fatt li l-att materjali tar-reat f'dan il-kaz ma kienx proprjament li wiehed "jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor" izda li jaghti n-nar lil materjal go post bhal dan; il-fatt li l-provi juru li hu ma kellux x'jaqsam mal-hruq fl-appartament numru 15, izda kellu x'jaqsam biss mal-materjal li tqabbad fl-indana tat-tarag; il-fatt li fil-mument tal-incident huwa kien xurban u li dak iz-zmien huwa kellu l-vizzju tad-droga; u – forsi dan huwa l-aktar punt li gie enfasizzat mill-appellant u mill-abbili difensur tieghu – id-dewmien bejn meta gew effettivament konkluzi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija (f'Novembru, 1994) u redatt il-*proces-verbal* tal-Magistrat Inkwirenti (dan tal-ahhar kien lest sal-20 ta' April, 1995) u meta l-appellant, flimkien ma' Vella u Muscat, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja fid-9 ta' Marzu, 1999. B'lealta` l-appellant jammetti – ara l-paragrafu 6 tar-rikors tieghu – li tista' tghid dawn ic-cirkostanzi kollha hadithom in konsiderazzjoni l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha (ara *supra*), izda jghid li ma haditx in konsiderazzjoni bizzejjed il-fattur relatat mad-dewmien fil-proceduri.

Issa, huwa veru li kien hemm dewmien – deskritt mill-ewwel Qorti bhala "inspjegabbli" – biex il-Pulizija Ezekuttiva, li kellha l-provi kollha f'idejha, tressaq lill-appellant (u lil Vella u lil Muscat) quddiem il-Qorti Istruttorja. L-appellant jirreferi – bhalma del resto ghamlet referenza ghaliha anke l-ewwel Qorti – ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Gunju, 2001 fl-ismijiet ***Beck v. Norway*** fejn gie indikat li fejn ikun hemm dewmien li jista' jwassal ghal ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, ikun hemm, jew jista' jkun hemm, rimedju effettiv ghal dak id-dewmien jekk it-tribunal ordinarju jirriduci l-piena minn dik li kien altrimenti jaghti tenut kont proprju ta' tali dewmien, b'mod, ghalhekk, li l-individwu koncernat ma jkunx jista' jitqies aktar bhala "vittma" ta' ksur tal-imsemmi Artkolu 6(1). Bid-dovut rigward kemm lejn l-ewwel Qorti kif ukoll lejn l-appellant, din il-Qorti ma tarax ir-relevanza ta' dan il-kaz ta' ***Beck*** ghall-kaz in dizamina. Jekk wiehed jezamina sew id-*decide* f'dik is-sentenza (paragrafi 22 sa 29 tar-rapport ufficjali) isib li kien biss fir-rigward ta' sentejn ta' inattivita` totali bejn meta harget l-akkuza formali ("formal indictment") kontra Beck (f'Awissu 1989) sakemm l-istess akkuza giet imressqa quddiem il-Qorti ta' Oslo (f'Settembru 1991) li l-Qorti ta' Strasbourg sabet xi haga x'ticcensura. Tibqa', ghalhekk, il-kwistjoni ta' meta wiehed jista' jqis li hemm "a criminal charge" ghall-finijiet tal-Artikolu 6(1). F'dan ir-rigward inghad:

**…the Commission decided on a number of occasions that the mere fact that the police are making an investigation or witnesses are being heard, or that a judicial organ makes a preliminary inquiry, does not yet mean that a 'criminal charge' exists. In order to decide whether Article 6 is applicable, there is need for clear criteria to determine if and from which moment on the person concerned is confronted with a 'charge'. In its *Deweer* judgment (27/2/80) the Court gave the following description of the concept of 'charge' in the sense of Article 6: 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a**

**criminal offence'. The notification marks the beginning of the applicability of Article 6, even if it is formulated in a language which the person concerned does not understand or if it did not reach him. In the *Foti* Case (10/12/82) the Court made it clear, however, that the existence of a charge is not always dependant on an official act: "*…it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect*". Examples of such measures are the search of the person's home and/or the seizure of certain goods, the request that a person's immunity be lifted, and the confirmation by the judge of the sealing of a building.** [1]

Din il-Qorti (il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) mhix imsejha, pero`, biex tiddetermina jekk kienx hemm o meno xi ksur tal-Artikolu 6(1) imsemmi; anqas qed titqajjem jew titqanqal xi "kwistjoni" dwar din id-disposizzjoni li tirrikjedi xi referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. L-appellant qieghed semplicement ighid li l-ewwel Qorti, fid-determinazzjoni tal-piena, ma haditx in konsiderazzjoni bizzejjed id-"dewmien" li kien hemm (inkluz id-dewmien bejn meta sehh ir-reat sa meta huwa gie biex effettivament jigi ggudikat). U fil-fatt din il-Qorti – u kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali – ghandha tqis it-trapass taz-zmien bejn meta jkun sehh ir-reat u meta tigi biex tinghata s-sentenza f'kaz ta' htija, kif ukoll ic-cirkostanzi li jkunu wasslu ghal tali dewmien, bhal, per ezempju, jekk dan kienx dovut minhabba l-agir tal-hati stess – ghax inheba, jew ghax heba t-tracci tar-reat, jew ghax ma kienx maghruf min seta' kien li wettaq dak ir-reat – jew jekk kienx dovut minhabba traskuragni jew inefficjenza tal-organi investigattivi jew gudizzjarji. S'intendi, tali trapass irid imbaghd jigi mwiezen ma' fatturi ohra, fosthom il-gravita` tar-reat u anke l-interessi u l-aspettattivi legittimi tal-vittma jew vittmi. L-ghoti tal-piena entro l-parametri tal-ligi mhix xi xjenza preciza bhalma hu l-kalkolu

[1] Van Dijk P. and van Hoof G.J.H. ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights***, Kluwer Law (The Hague), 1998, pp. 407-408.

matematiku, izda hija pjuttost arti, u bhal kull rappresentazzjoni artistika, wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Kif gie osservat ga fl-1870 mir-Recorder ta' Birmingham, Matthew Davenport Hill:

**In our attempts to award pain according to desert, we are fated to err either on the side of mercy or of severity. Hence, it has been a favourite habit with editors of newspapers to compare two discrepant sentences with a chuckle of triumph over the folly of one or other of the judges on whose proceedings they are animadverting, without a thought that the judges have neither weight nor scales.** [2]

Fil-kaz in dizamina l-parametri tal-piena huma pjuttost ristretti, kif gie spjegat aktar 'l fuq. L-ewwel Qorti, kif jidher mis-sentenza, qaghdet hafna attenta biex twiezen l-elementi u fatturi kollha kemm favur ta' riduzzjoni fil-piena kemm dawk kontra tali riduzzjoni. Fost il-fatturi li ttiehdu in konsiderazzjoni in mitigazzjoni kien hemm proprju dak tat-trapass taz-zmien. Ghalhekk din il-Qorti mhix propensa li tikkunsidra riduzzjoni fil-piena minhabba l-imsemmi trapass ta' zmien. Pjuttost din il-Qorti tara li ghandha tikkoncentra fuq dak il-paragrafu tal-aggravji fir-rikors ta' appell – il-paragrafu numru 2 – fejn l-appellant jilmenta bazikament li l-ewwel Qorti ma apprezzatx korrettement l-att materjali tar-reat *de quo*. Kif diga' gie osservat aktar 'l fuq, l-ewwel Qorti, fost fatturi li hadet in konsiderazzjoni meta giet biex taghti l-piena, kien hemm dak tal-"perikolu ghal nies innocenti" minhabba n-nar li gie mqabbad. Dik il-Qorti qalet hekk:

**Il-perikolu ghal nies innocenti li kienu joqghodu fil-blokk ta' flats in kwistjoni meta sehhew iz-zewg incendji doluzi msemmija fiz-zewg Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, kieku n-nirien inxterdu w infirxu aktar milli fil-fatt gara.**

---

[2] E. C. Wines (ed.) ***Transactions of the National Congress on Penitentiary and Reformatory Discipline*** (1871) Weed, Parsons, p. 107.

Din il-Qorti tosserva, pero`, li l-akkuza kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni kap kienet dik ta' "hruq bla perikolu ghall-hajja tan-nies" skond l-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali. Huwa veru li z-zewg akkuzi originarjament kienu differenti: dik fl-ewwel kap kienet ta' "hruq b'perikolu komuni" skond l-Artikolu 317(a)(i), filwaqt li dik fit-tieni kap kienet ta' "hruq b'perikolu tal-hajja" skond l-Artikolu 316(a). Pero`, galadarba l-Avukat Generali, fid-diskrezzjoni insindakabbli tieghu, kien qieghed effettivament jelimina l-perikolu ghal terzi persuni permezz tan-nota tieghu tas-26 ta' Frar, 2003 li biha rriduca l-akkuzi, l-ewwel Qorti ma setghetx legittimament tikkonsidra bhala cirkostanza aggravanti "il-perikolu ghal nies innocenti…kieku n-nirien inxterdu w infirxu aktar milli fil-fatt gara". Tali perikolu kien qed jigi eskluz aprioristikament mill-Avukat Generali. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta, kif inghad, hadet in konsiderazzjoni bhala aggravanti l-ezistenza ta' dana l-perikolu. Ghalhekk, u ghalhekk biss, hemm lok ta' varjazzjoni zghira fil-piena.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Anthony Felice ghall-piena ta' tliet snin prigunerija (li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu jew perijodi ta' zmien li huwa dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza sad-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) **u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sentejn u sitt xhur prigunerija (li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu jew perijodi ta' zmien li huwa dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza sad-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti)**, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------